VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,480, 1 ta' Awwissu, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXV tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77, u l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, Kap. 516, sabiex jintroduċi diversi miżuri fir-rigward ta' ċertifikati tal-kondotta u r-riabilitazzjoni ta' persuni fis-soċjetà.

ACT No. XXV of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Conduct Certificates Ordinance, Cap. 77, and the Restorative Justice Act, Cap. 516, to introduce various measures in relation to conduct certificates and the rehabilitation of persons into society.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

1 ta' Awwissu, 2025

ATT Nru XXV tal-2025

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77, u l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, Kap. 516, sabiex jintroduċi diversi miżuri fir-rigward ta' ċertifikati tal-kondotta u r-riabilitazzjoni ta' persuni fis-soċjetà.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2025 li jemenda Liġijiet Varji dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u r-Riabilitazzjoni ta' Persuni fis-Soċjetà.

TAQSIMA I
Emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

Emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta. Kap. 77.

2. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa l-"liġi prinċipali".

Żieda ta' artikoli ġodda fil-liġi prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandhom jiġu

miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ċertifikat ta' Riabilitazzjoni.

4A. (1) Kwalunkwe persuna li jkun inħarġilha jew li jkun jista' jinħarġilha ċertifikat skont il-Formula B fl-Ewwel Skeda skont il-paragrafu (b) tal-artikolu 4, tista' tapplika lill-Bord dwar iċ-Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni mwaqqaf bl-artikolu 4B sabiex jinħarġilha Ċertifikat ta' Riabilitazzjoni.

(2) L-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha ssir sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) qabel id-data li fiha l-applikant ikun se jinħeles mill-faċilità korrettiva u ċ-Ċertifikat ta' Riabilitazzjoni għandu jinħareġ dakinhar illi l-applikant jiġi meħlus mill-faċilità korrettiva jew sa mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum wara:

Iżda l-Bord dwar iċ-Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni jista' sa tliet (3) xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu jew f'każijiet eċċezzjonali u għal raġuni tajba jirċievi applikazzjoni u joħroġ ċertifikat barra mit-termini provduti f'dan is-subartikolu.

(3) Ċertifikat ta' Riabilitazzjoni għandu jkun strettament fattwali u għandu jelenka l-programmi riabilitattivi li l-applikant ikun ipparteċipa fihom waqt li kien qiegħed iservi s-sentenza, u għandu jindika wkoll jekk l-applikant matul dak il-perjodu kienx soġġett għal pieni dixxiplinari minħabba l-imġiba tiegħu fil-faċilità korrettiva. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-Bord dwar iċ-Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni wara li jkun ivverifika l-fatti rilevanti direttament jew permezz ta' sottokumitat tiegħu.

Bord dwar iċ-Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni.

4B. (1) Għandu jkun hemm Bord li jissejjaħ il-Bord dwar iċ-Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni, hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ il-"Bord", li għandu jkun kompetenti sabiex joħroġ Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni.

(2) Il-Bord dwar iċ-Ċertifikati ta' Riabilitazzjoni għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) Chairperson li jinħatar mill-Ministru responsabbli għas-servizzi korrettivi;

(b) id-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin *ex officio*;

(ċ) Id-Direttur tad-Dipartiment responsabbli għall-probation u l-parole *ex officio*:

Iżda l-membri msemmija fil-paragrafi (b) u (ċ) jistgħu jaħtru uffiċjal mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u uffiċjal mid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole rispettivament bħala rappreżentant sabiex jaġixxi f'isimhom fuq il-Bord.

(3) Iċ-Chairperson tal-Bord għandu jinħatar għal perjodu ta' erba' (4) snin li jista' jiġi mġedded għal perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin.

(4) Il-Bord għandu jkollu s-setgħa li meta fid-diskrezzjoni tiegħu jqis li l-ħtiġijiet tax-xogħol hekk jitolbu, jaħtar sottokumitat wieħed jew aktar li jkunu magħmula minn fost ħaddiema soċjali, koordinaturi ta' programmi edukattivi u psikologi, li jkunu attivi fil-faċilità korrettiva, u minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-qasam tar-riabilitazzjoni ta' persuni li jkunu ngħataw sentenza ta' priġunerija.

(5) Il-Bord u s-sottokumitati tiegħu għandu jkollhom is-setgħa li jisimgħu xhieda u għandhom jingħataw aċċess għad-dokumenti dwar l-applikant li jkunu miżmuma mill-faċilità korrettiva għall-fini li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom:

Iżda l-applikazzjoni għaċ-Ċertifikat ta' Riabilitazzjoni għandha tinkludi l-kunsens espliċitu tal-applikant sabiex il-Bord jipproċessa d-data personali tiegħu għall-fini tal-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Riabilitazzjoni.

(6) Il-Bord u s-sottokumitati tiegħu għandhom jirregolaw il-proċedura tagħhom stess.".

Emenda tal-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 5 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tal-Att dwar il-Probation" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew tkun dwar sentenza li tkun sospiża u ma tkunx bdiet isseħħ"; u

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) hija sentenza li biha l-unika piena imposta tkun multa u l-imsemmija multa tkun tħallset jew tkun kundanna dwar reat taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży jew taħt kwalunkwe liġi oħra għall-pussess għall-użu personali ta' droga projbita.".

Kap. 31.

Kap. 101.

Emenda tal-artikolu 6 tal-liġi prinċipali.

5. Fl-ewwel proviso għall-artikolu 6 tal-liġi prinċipali l-kliem ", inkluż sentenza sospiża," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ", inkluż sentenza sospiża li saret effettiva,".

Emenda tal-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

6. Fl-artikolu 7 tal-liġi prinċipali l-kliem "Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, jew ikunu ġew ikkundannati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew, meta l-qorti fl-għoti tas-sentenza hekk tordna, lill-persuni li jkunu reċidivi f'delitti li jkunu soġġetti għal piena ta' priġunerija li teċċedi tliet (3) snin li jirriżultaw minn atti li jikkostitwixxu vjolenza abbażi tal-ġeneru jew vjolenza domestika, jew ikunu ġew ikkundannati".

Tħassir tal-artikolu 7A tal-liġi prinċipali.

7. L-artikolu 7A tal-liġi prinċipali għandu jiġi mħassar.

Sostituzzjoni tal-artikolu 8A tal-liġi prinċipali.

8. L-artikolu 8A tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Tneħħija ta' reġistrazzjoni ta' kundanni.

8A. Fejn persuna tkun ġiet ikkundannata għal reat li jkun sussegwentement ġie dekriminalizzat jew depenalizzat jew li jkun jirrelata ma' kundanna għal reat li tkun ġiet sussegwentement inkluża fl-artikolu 5 bħala kundanna jew ordni li ma għandhomx jitniżżlu f'ċertifikat tal-kondotta maħruġ taħt din l-Ordinanza, tali persuna tista' tibgħat talba bil-miktub lid-dipartiment jew entità tal-Gvern responsabbli mill-ħruġ ta' ċertifikati tal-kondotta, sabiex titneħħa r-reġistrazzjoni tal-imsemmija kundanna miċ-ċertifikat tal-kondotta tiegħu, u l-imsemmi dipartiment jew entità tal-Gvern għandhom, malli jiżguraw li tali reat ma għadux soġġett li jitniżżel f'ċertifikat tal-kondotta jew ġie hekk dekriminalizzat jew depenalizzat, jilqgħu t-talba ta' tali persuna u jwettqu l-imsemmija tneħħija ta' reġistrazzjoni.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

9. It-tieni kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-partita (a) tagħha l-kliem "10 snin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "5 snin";

(b) fil-partita (b) tagħha l-kliem "5 snin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "3 snin";

(ċ) fil-partita (ċ) tagħha l-kliem "3 snin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "sentejn";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) fil-partita (d) tagħha fit-tieni kolonna biss, il-kelma "sena" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "3 xhur jekk il-piena ma teċċedix 6 xhur u 6 xhur jekk il-piena teċċedi 6 xhur"; u

(e) fil-partita (e) tagħha l-kliem "6 xhur mid-data tal-ħlas tal-multa" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mal-ħlas tal-multa".

TAQSIMA II
Emenda għall-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi

Emenda għall-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi. Kap. 516.

10. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Żieda ta' Taqsima u artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

11. Minnufih wara t-Taqsima VI tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda t-Taqsima ġdida u l-artikoli ġodda li ġejjin:

"TAQSIMA VI A
Dmir tal-Awtoritajiet Pubbliċi li Jinkoraġġixxu r-Riabilitazzjoni

Akkomodazzjoni raġonevoli tal-ħtiġijiet tar-riabilitazzjoni.

43A. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom ta' tfassil ta' politika, regolatorji u ta' liċenzjar l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiffaċilitaw ir-riabilitazzjoni ta' persuni li ġew ikkundannati għal piena kriminali u biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tar-riabilitazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħhom dwar jekk joħorġux awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' attività minn tali persuni, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom debitament jikkunsidraw jekk minflok ma jiċħdu tali awtorizzazzjoni jistgħux raġonevolment jakkomodaw il-ħtiġijiet ta' riabilitazzjoni billi jiddeċiedu favur il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni soġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew miżuri oħra li jistgħu jiġu awtorizzati mil-liġi u li huma jistgħu jikkunsidraw xierqa sabiex raġonevolment jakkomodaw is-sitwazzjoni tal-persuna bil-għan li jinkoraġġixxu r-riabilitazzjoni fis-soċjetà.

(2) Il-banek, l-istituzzjonijuiet finanzjarji u l-prinċipali għandhom fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom jagħmlu ħilithom sabiex jagħmlu possibbli r-riabilitazzjoni ta' persuni li jkunu ġew ikkundannati għal piena kriminali u biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tar-riabilitazzjoni ta' tali persuni. B'mod partikolari, huma għandhom jissuġġettaw lil tali persuni biss għal esklużjonijiet mis-servizzi jew mill-impjieg meta tali esklużjonijiet ikunu pprovduti mil-liġi jew ikunu oġġettivament ġustifikabbli minħabba n-natura tas-servizz jew tal-impjieg.

Bord dwar is-Setgħat ta' Liċenzjar u r-Riabilitazzjoni.

43B. (1) Għandu jkun hemm Bord li jissejjaħ il-Bord dwar is-Setgħat ta' Liċenzjar u r-Riabilitazzjoni, hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ il-"Bord", li għandu jkun kompetenti sabiex jisma' lmenti dwar esklużjonijiet jew restrizzjonijiet magħmula minn kwalunkwe awtorità pubblika fir-rigward tal-ħruġ ta' xi liċenzja jew permess lil persuna li kienet ikkundannata għal piena kriminali minħabba l-istess kundanna u sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet ġenerali jew speċifiċi lill-awtorità pubblika konċernata fir-rigward tal-applikazzjoni tal-imsemmija esklużjonijiet jew restrizzjonijiet.

(2) Il-Bord jista' wkoll jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess sabiex jeżamina kwalunkwe esklużjonijiet jew restrizzjonijiet fir-rigward tal-liċenzjar li japplikaw għal persuni li jkunu ġew ikkundannati għal piena kriminali u sabiex iħejji rapport dwarhom lill-Ministru.

(3) Il-Bord għandu jinħatar mill-Ministru u għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) Chairperson li jkollu mill-inqas ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol fl-oqsma relatati mas-sistema tal-ġustizzja kriminali jew mal-faċilitajiet korrettivi;

(b) żewġ (2) membri nominati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

(ċ) żewġ (2) membri mis-servizz pubbliku nominati mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(d) żewġ (2) membri maħtura wara konsultazzjoni ma' għaqdiet mhux governattivi li jkunu attivi fil-qasam tar-riabilitazzjoni ta' persuni li jkunu ġew ikkundannati għal piena kriminali, hekk kif determinat mill-Ministru; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) żewġ (2) membri maħtura wara konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-prinċipali u lill-ħaddiema rispettivament, hekk kif determinat mill-Ministru;

(4) Il-Ministru għandu jaħtar persuna sabiex taġixxi bħala Segretarju tal-Bord li ma għandux ikollha vot.

(5) Iċ-Chairperson u l-membri tal-Bord għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet (3) snin u għandhom ikunu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid għal perjodu ieħor ta' tliet (3) snin.

(6) Iċ-Chairperson u l-membri tal-Bord jistgħu f'kull waqt jirriżenjaw mill-kariga tagħhom permezz ta' ittra indirizzata lill-Ministru u f'dak il-każ il-Ministru għandu jaħtar persuna oħra sabiex taġixxi minflok il-persuna li tkun irriżenjat għall-perjodu li jkun għad baqa' miż-żmien tal-ħatra skont l-istess proċedura li biha l-persuna li tkun irriżenjat kienet ġiet maħtura fuq il-Bord.

(7) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord jista' jitlob il-parir ta' esperti, kif jista' jkun meħtieġ.

(8) Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bord, għandu permezz ta' regolamenti jistabbilixxi l-proċedura tal-istess Bord.

(9) Il-Bord għandu jinforma lill-pubbliku dwar id-deċiżjonijiet tiegħu b'dak il-mod kif jidhirlu xieraq filwaqt li josserva l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali.".

A 594

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 371 tad-29 ta' Lulju, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati